REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/336

tas-27 ta' Frar 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1141/2010 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 fir-rigward tal-Istat Membru relatur għall-evalwazzjoni tal-1-methylcyclopropene, il-famoxadone, il-mancozeb, il-methiocarb, il-methoxyfenozide, il-pirimicarb, il-pirimiphos-methyl u t-thiacloprid

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 ([2]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 ([3]) allokaw lir-Renju Unit, bħala l-Istat Membru relatur, l-evalwazzjoni ta' ċerti sustanzi attivi li jinsabu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit issottometta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li jitlaq mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara li tkun saret in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.

(3) Dan l-abbozz ta' ftehim dwar il-ħruġ kif maqbul bejn in-negozjaturi, u approvat mill-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), fih arranġamenti għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni għar-Renju Unit waqt perjodu ta' tranżizzjoni u fih lil hinn mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fih. Jekk dak il-ftehim jidħol fis-seħħ, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti se tapplika għar-Renju Unit u fih matul il-perjodu ta' tranżizzjoni skont dak il-ftehim u se jieqaf japplika fit-tmiem ta' dak il-perjodu. Madankollu, anke jekk il-ftehim dwar il-ħruġ jiġi rratifikat mill-UE u r-Renju Unit, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit ma jistax jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għall-valutazzjonijiet tar-riskju, l-eżamijiet, l-approvazzjonijiet jew l-awtorizzazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell tal-Istati Membri waqt li jaġixxi b'mod konġunt kif imsemmi, fost oħrajn, fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(4) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġu allokati lil Stati Membri oħra l-evalwazzjonijiet tas-sustanzi attivi li għalihom ir-Renju Unit huwa l-Istat Membru relatur u li mistenni li ser toħroġ deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tagħhom qabel it-30 ta' Marzu 2019. Is-sustanzi attivi kkonċernati huma l-1-methylcyclopropene, il-famoxadone, il-mancozeb, il-methiocarb, il-methoxyfenozide, il-pirimicarb, il-pirimiphos-methyl u t-thiacloprid.

(5) Dik l-allokazzjoni jenħtieġ li tiżgura bilanċ fit-tqassim tar-responsabbiltajiet u l-ħidma bejn l-Istati Membri.

(6) Billi l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati hija fi stadju avvanzat u x-xogħol li jrid isir huwa mistenni li jkun żgħir, jenħtieġ li ma jiġix allokat Stat Membru korelatur għal dik l-evalwazzjoni.

(7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 jiġu emendati kif xieraq.

(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mit-30 ta' Marzu 2019. Madankollu, f'każ li jiġi estiż il-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament jenħtieġ japplika mill-jum wara

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 tas-26 ta' Lulju 2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 5).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 10).

dak li fih tieqaf tapplika l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għar-Renju Unit u fih, peress li, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 ([4]), il-waqfien tal-applikazzjoni tal-atti ffissati f'data partikolari jseħħ meta tiskadi l-aħħar siegħa tal-ġurnata li taħbat f'dik id-data.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 1141/2010 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-30 ta' Marzu 2019.

Madankollu, fejn ittieħdet deċiżjoni biex jiġi estiż il-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament għandu japplika mill-jum wara dak li fih il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fih.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([4]) Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).

ANNESS I

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata għall-1-methyl-cyclopropene hija sostiwtita b'dan li ġej:

Sustanza attiva	Stat Membru relatur	Stat Membru korelatur
"1-methyl-cyclopropene	NL"	

(b) l-entrata għall-Mancozeb hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza attiva	Stat Membru relatur	Stat Membru korelatur
"Mancozeb	EL"	

(c) l-entrata għall-Methiocarb hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza attiva	Stat Membru relatur	Stat Membru korelatur
"Methiocarb	DE"	

(d) l-entrata għall-Methoxyfenozide hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza attiva	Stat Membru relatur	Stat Membru korelatur
"Methoxyfenozide	SK"	

(e) l-entrata għall-Pirimicarb hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza attiva	Stat Membru relatur	Stat Membru korelatur
"Pirimicarb	SE"	

(f) l-entrata għall-Pirimiphos-methyl hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza attiva	Stat Membru relatur	Stat Membru korelatur
"Pirimiphos-methyl	FR"	

(g) l-entrata għat-Thiacloprid hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza attiva	Stat Membru relatur	Stat Membru korelatur
"Thiacloprid	DE"	

ANNESS II

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1141/2010, l-entrata għall-Famoxadone hija sostitwita b'dan li ġej:

Kolonna A		Kolonna B	Kolonna C	Kolonna D
"Famoxadone	2012	FI		Il-31 ta' Awwissu 2012"